# 140. Lill-Qanpiena

Għalkemm int fuq il-mewt kull jum timmedita,
kull jum fil-knisja b’dak il-leħen tiegħek
funzjoni toħloq illi tgħanni l-ħajja,
u lill-fidili ġġagħal jifirħu miegħek.

Qanpiena żgħira tixbaħ wisq lill-arti*
li toqgħod fuq il-mewt b’ħafna tħassib
timmedita kull jum, iżda tal-ħajja
suriet ġodda mix-xejn toħloq u ġġib.

Kif jagħmel l-ilma tal-widien u x-xmajjar,
li ma’ tul triqtu lejn il-baħar kbir
joħloq suriet ta’ ġmiel, għadajjar ċari,
kaskati u ċraċar, kbar, sħab ta’ taqtir.

** Art has two constant, unending preoccupations: it is always meditating upon death and it is always thereby creating life. Pasternak: Dr. Zhivago, Kap. 3.*